KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Mons. Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037
MALTA

TAS-SLIEMA

SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Mons. Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037.
Malta

Telephone: +356 2133 7633
E: sliema.lc@gov.mt
W: sliemalc.gov.mt/en/

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAL-GĦAXAR LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 20

L-għoxrin is-seduta tal-għaxar leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tlieta 12 t'Awwissu 2025 fis-6pm ġewwa The Victoria Hotel, Triq Gorg Borg Olivier, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | Joe Aquilina | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Ryan Borg | Kunsillier |
| | Vivienne Galea Pace | Kunsilliera |
| | John Dougall | Kunsilliera |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Zack Zammit | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Wallace Baldacchino | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Jacqueline Higgins | Kunsilliera |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli | Segretarju Eżekuttiv |

***Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-6:20pm:***

**20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

**20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 18 u 19;**

**20.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

**20.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

**20.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;**

**20.6 Approvazzjoni tal-impjieg ta' żewġ persuni fi skala 15 u skala 18.**

**20.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

**20.9 Mozzjonijiet;**

**20.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

## 20.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

**20.1.1** Il-Kunsill rċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-kunsilliera J Higgans.

## 20.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 18 u 19

**20.2.1** Is-Sindku ressaq il-minuti tal-laqgħat numri 18 u 19 għall-approvazzjoni tal-Kunsillieri preżenti.

Il-kunsillier K Wain ippropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif korretti u kien s-sekondat mill-kunsillier Z Zammit.

## 20.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**20.3.1 Problema tal-ħamiem:**

- Is-Sindku saħaq li għaddejjin taħditiet mal-Gvern sabiex tinstab soluzzjoni għal problema tal-ħamiem. Kompla jgħid li tas-Sliema flimkien ma lokalita' oħra se tkun parti minn proġett pilota.

**20.3.2 Project Green:**

- Qed nistennew kemm niffirmaw ma Project Green, biex jibda l-proġett ta' twaħħil ta' siġar u pjanti varji madwar il-lokalita'.

**20.3.3 Proġett GBD:**

- Is-Sindku qal ix-xogħol wasal fil-fażi finali tiegħu u mexa ġmielu u saħaq li l-inawgurazzjoni uffiċjali ser ikun Il-Ġimgħa 26 ta' Settembru. Is-Sindku staqsa lis-Seg. Eżek. biex jispjega l-programm tas-serata.

- Is-Seg. Eżek. spjega li bħalissa qed tinħadem sistema biex jimtlew il-ġibjuni kbar tal-ilma li hemm taħt il-ġnien u biex isir kalkolu ta' kemm qed jintuża ilma għat-tisqieq.

- Il-Kunsilliera V Galea Pace saħqet li peress li l-kunsill nefaq ħafna flus fuq dan il-ġnien u l-istess KL irid jara li jkun hemm sigurta', jew permezz ta' *hoarding/fence* jew inkella jsir studju mill-KL biex jara x'inhu l-aħjar li jsir għal komunita' Slimiża.

- Il-kunsillier K Wain qal li tas-Sliema ħaqqa jkolla sigurta' permezz tar-rondi tal-pulizija, anke fuq il-bajjiet fejn qed isir abbuż kbir mill-barranin.

- Il-Kunsillier R Borg, qal li jridu jsiru iktar *legal notices* sabiex il-KL ikollu iktar saħħa biex jimponi pieni iktar ħorox għal min jikser il-liġi.

**20.3.4 Xogħolijiet Toroq u Bankini:**

- Is-Sindku spjega li x-xogħolijiet fi Ġafar u Camenzuli ser isiru bankini u toroq mill-ġdid.

- Wara l-festa ta' Stella Maris ser jibda x-xogħol fuq Triq il-Karmnu mill-parti ta' fuq sabiex jitlesta qabel ma tibda l-iskola.

**20.3.5 Update fuq l-MOU tat-tindif mill-Viċi Sindku:**

- Il-Viċi sindku spjega li saret laqgħa bejnu, s-Sindku u s-Seg. Eżek. sabiex jiġi diskussa l-informazzjoni kollha. Intalbet laqgħa mad-Direttur Ġenerali ta' CleanMalta, s-Sur Ramon Deguara, u sal-ħin tal-laqgħa il-KL kien għadu ma irċieva l-ebda risposta.
- Il-Viċi Sindku qal li fl-20 ta' Settembru ser isir Clean Up fiż-żona ta' QSS li għaliha ħadna l-fondi tad-DLG (E1,400)

Il-kunsillier Z Zammit ħareġ mill-laqgħa fis-7:10pm
Il-kunsillier Z Zammit daħal fil-laqgħa fis-7:15pm

**20.3.6 Tibdil tal-fanali tal-Promenade:**

- Is-Sindku qal li l-fanali kollha bejn bħaħ ma inbiddlu l-fanali tax-Xatt daqt ser jibda x-xogħol biex jinbiddlu l-fanali bejn it-Torri u Fond Għadir.

**20.3.7 Proġett Ferro Bay:**

- Dan il-proġett beda u bħalissa sar fencing madwar il-latrina pubblika kif ukoll xogħol ta' sbarazzar.

## 20.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

**20.4.1** Il-kunsillier R Borg staqsa lis-Seg. Eżek.:

1. liema regolament jagħti il-poter lil Kunsill biex joħrog permess għal Karozza issuq fuq "il-promenade ta' tower road"? Qed niġi mistoqsi jekk dan ġiex ippublikat?
2. Min jiddeciedi x'jigi ippublikat fuq il FB tal-Kunsill? Il-Modus operandi jista jigi spjegat?

- Is-Seg. Eżek wieġeb li l-KL irċieva talba għal permess għall-attivita' fi Ġnien Indipendenza, u bħal ma jsir dejjem f'dawn iċ-ċirkostanzi sabiex jintrama il-materjal kollu u biex jiġi faċilitat it-trasport għal ġol ġnien, jinħarġu permessi sabiex vetturi jkunu jistgħu jgħaddu b'veloċita' mill-inqas fuq il-promenade minn naħa tat-triq li tgħati għall-Exiles.
  F'dan il-kas il-karrozza inkwistjoni Kella tiġbor l-ikel li kien fadal wara li spiċċat l-attivita' sabiex jittieħed għandt familji fil-bżonn. Kompla jgħid ukoll li permessi biex jinstaqu vetturi fuq il-promenade jingħataw ta'

spiss, hu semma l-eżempji tas-Sliema Arts Festival, tiżbir ta' siġar mill-kuntrattu tal-KL u ħafna oħrajn.

- Għat-tieni domanda, is-Seg. Eżek. Saħaq li ma setgħax jagħti l-ebda informazzjoni dwar id-dettalji ta' dan il-permess lil terzi għaliex kien ikun hemm ksur tal-liġijiet tal-GDPR.

- Il-Kunsillier R Borg qal li jista' jsir bord apposta sabiex jevalwa dawn it-tip ta' permessi.

- Il-Viċi Sindku spjega li fil-Ġnien Indipendenza ikun hemm ġafna attivitajiet u staqsa jekk il-kunsillieri preżenti jiehdu vot biex ma jkunx hemm iktar vetturi li jużaw il-promenade f'dawn il-każijiet jew inkella l-kunsill ser jibda jagħti permess biex tingħalaq karreġjata fi triq it-Torri kull darba li jkun hemm attivita' jew servizzi li iridu jsiru fuq il-promenade.

- Il-Viċi Sindku ippropona li l-kunsillieri preżenti jieħdu vot jekk għall-attivitajiet li jmiss il-KL ser jagħti permess għal vetturi biex jużaw il-promenade jew le? **Il-kunsillieri preżenti ivvutaw unanimament favur il-proposta**.

**20.4.2** Il-Kunsillier R Borg staqsa jekk il-Community Police f'tas-Sliema humiex għadhom jaħdmu u jagħmlu r-rondi jew le.

- Is-Seg. Eżek. qal li iva, għadhom qed jaħdmu u jagħmlu xogħolhom ta' kuljum fil-lokalita'

**20.4.3** Il-Viċi Sindku qal li kellu laqgħa mal-Marketing Manager ta' lukanda ewlenija f'tas-Sliema, fejn fost oħrajn iddiskutew proġetti li jistgħu jibbenifikaw minnhom ir-residenti u kif il-lukanda permezz tac-CSR jistgħu jagħtu s-sehem tagħhom. Huwa semma proġett tal-*open library* li jista' jsir fil-kabina telefonika antika li hemm bi swiet iż-żona tat-tlett siġriet.

**20.4.4** Il-Kunsillier Z Zammit staqsa jekk il-KL huwa f'pożizzjoni li joħroġ il-flus sabiex jagħmel tal-*open library* li jista' jsir fil-kabina telefonika antika li hemm bi swiet iż-żona tat-tlett siġriet.

**20.4.5** Il-Kunsillier Z Zammit staqsa meta ser tissewwa il-grada miksura li hemm fil-playground ta' ħdejn it-Torri

Is-Sindku qal li ser jara li din titranġa mill-aktar fis possibbli, ħabba s-sigurta' tat-tfal.

**20.4.6** Il-Kunsillier Z Zammit staqsa jekk fil-laqgħa li jmiss ikun jista' iressaq għad-diskussjoni proposta biex jibda jitfassal bye-law biex tiġi infurzata l-liġi ħabba l-istorbju eċċessiv li qed ikun hemm barra mill-barijiet li jinstabu fil-qalba tal-lokalita'.

**20.4.7** Il-Kunsillier J Dougall staqsa jekk kienx hemm żviluppi dwar il-kwistjoni tal-librerija tal-KL.

Is-Seg. Eżek. spjega li saru laqgħat ma dawk kollha ikkonċernati sabiex tinstab l-aħjar soluzzjoni sakemm jitlesta l-proġett ta' tisbiħ tal-iskola primarja tal-Gvern. Hu qal li fil-laqgħa li jmiss ser jagħti aktar dettalji.

## 20.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI;

**20.5.1 Sotto Kumitat ta' Kevin Wain:**

- Il-kunsillier K Wain ta' rendikont dqar l-attivita' li tella l-KL biex tiġi imfakkar l-ewwel sena mill-mewt ta' l-artist Mark Mallia. Spjega li l-attivita' kienet waħda ta' suċċess b'attendenza tajba, hu semma speċjalmentil-familja u qrabi ta' Mark Mallia li irringrazzjaw lilu u lil KL.
- Il-kunsillier K Wain qal li kellu laqgħa mas-Seg. Eżek u mal-Professur u Artist Vince Briffa, fejn flimkien iddiskutew dettalji sabiex fi Ġnien Indipendenza isir monument tal-arti f'ġieħ l-artist Slimiż, Raymond Pitre'.
- Il-Viċi Sindku staqsa x'konnessjoni għandu ma tas-Sliema dan l-artist.

- K Wain spjega li dan l-artist għex f'tas-Sliema, wieħed mill-ikbar artisti f'Malta, u ħalla din id-dinja s-sena li għaddiet.

- K Wain qal li ser isir studju dettaljat ta' dan il-proġett qabel ma jiġi mressaq għall-approvazzjoni tal-KL.

## 20.6 APPROVAZZJONI TAL-IMPJIEG TA' ŻEWĠ PERSUNI FI SKALA 15 U SKALA 18.

**20.6.1** Is-Seg. Eżek. ressaq għall-approvazzjoni tal-kunsillieri preżenti żewġ postijiet vakanti li iridu jintlew fl-uffiċċju tal-kunsill fi skala 15 u skala 18.

Il-kunsillieri preżenti approvaw dan unanimament.

## 20.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

**20.7.1** Is-Sindku ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-kunsillier J Aqulina ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-kunsillier R Borg is-sekondat.

## 20.8 MOZZJONIJIET

**20.8.1** Ma kien hemm l-ebda talba biex tiġi imressqa mozzjoni.

## 20.9 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

**20.9.1** Is-seduta ntemmet fit-8:30pm.
Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 24 ta' Settembru 2025 fis-6pm.

Minuti approvati llum: **24 ta' Settembru 2025.**

______________________ ______________________

**John Pillow**
**Sindku**

**Pierre P Portelli**
**Segretarju Eżekuttiv**